**STQARRIJA MINISTERJALI MAGĦMULA MILL-PRIM MINISTRU, L-ONOR. ROBERT ABELA, DWAR DIVERSI LAQGĦAT LI KELLU BARRA MINN MALTA**

Sur President, qed nagħmel din l-istqarrija ministerjali li tiġbor l-impenji li kelli barra l-pajjiż f'dawn l-aħħar ġimgħat.

Tul dawn l-aħħar ġimgħat il-Kunsill Ewropew iltaqa' darbtejn, jiġifieri bejn it-30 u l-31 ta' Mejju u bejn it-23 u l-24 ta' Ġunju. Dan apparti li fid-29 ta' Ġunju kont mistieden għal laqgħa f'Madrid bejn pajjiżi Ewropej u oħrajn min-naħa l-oħra tal-Atlantiku, fejn iddiskutejna sfidi kurrenti.

Ħa nibda nitkellem fuq it-temi diskussi mal-mexxejja Ewropej, li ħafna minnhom kienu komuni fiż-żewġ laqgħat tal-Kunsill Ewropew.

**Il-kunflitt fl-Ukrajna**

Nibda b'dak li naturalment ħa l-aktar ħin u ċjoè l-gwerra tal-Ukrajna mar-Russja. Kif mistenni, il-gwerra fl-Ukrajna u l-effetti tagħha qed jibqgħu jiddominaw dawn il-laqgħat. F'isem Malta komplejt ngħaddi messaġġ ċar ta' appoġġ lill-Ukrajna, inkluż meta tkellimna dwar il-bidu tal-proċess tan-negozjati dwar l-eventwali sħubija ta' dan il-pajjiż fl-Unjoni Ewropea. Iżda lil hinn minn dan, pajjiżna jibqa' tassew imħasseb bis-sitwazzjoni li qegħdin naraw quddiem għajnejna u se jibqa' jagħmel il-parti tiegħu fil-kawża msemmija.

Fil-Kunsill Ewropew ta' Mejju, aħna l-mexxejja Ewropej iddiskutejna s-sitt pakkett ta' sanzjonijiet u qbilna li sal-aħħar ta' din is-sena, jiġifieri sal-aħħar ta' Diċembru, l-Unjoni Ewropea tkun waqqfet l-importazzjoni ta' 90% taż-żejt Russu.

Bħala pajjiż, Malta qatt ma kellha oġġezzjoni fuq l-embargo ta' żejt Russu. Anzi ta' min jgħid li waqt id-diskussjoni fil-Kunsill kienu pajjiżi oħra, li huma dipendenti fuq żejt Russu importat minn pipeline, li talbu għal ċerti derogi. Però fiż-żewġ Kunsilli kont ċar fuq punt li nqisu importanti ħafna.

Irridu nassiguraw is-sostenibilità tas-sanzjonijiet u l-azzjonijiet li qed nieħdu. L-ewwel irridu nimplimentaw u nieħdu kont tal-effett tas-sanzjonijiet eżistenti qabel nikkunsidraw xi sanzjonijiet addizzjonali.

Is-sanzjonijiet veru li jistgħu jkunu - u rajna li huma - għodda importanti, iżda hemm l-impatt tagħhom qiegħed hemm ukoll u ma nistgħux nagħlqu għajnejna għall-impatt negattiv fuq iċ-ċittadini tagħna.

Jien favur li nibagħtu messaġġ ċar lill-aggressuri f'dan il-kunflitt iżda l-messaġġ mibgħut ma għandux ifisser li ċ-ċittadini tagħna stess jispiċċaw iħallsu l-ikbar prezz tas-sanzjonijiet.

**Ekonomija**

U hawn niġi għal dak li qed iħasseb lilna kontinwament u, m'hemmx dubju, lin-nies tagħna wkoll. L-inflazzjoni, jew aħjar l-għoli tal-ħajja.

Iva, l-ebda pajjiż ma hu speċjali u ma jintlaqatx mill-effetti li qed iġġib il-gwerra iżda daqstant ieħor irridu nkunu kapaċi li nintervjenu, nassistu u ngħinu lill-popli tagħna kemm nistgħu.

U għalhekk fid-deċiżjonijiet li nieħdu ta' kuljum inżommu f'moħħna dawn l-impatti u dak li lil Malta jolqotha għaliex Malta, bħall-bqija tal-pajjiżi l-oħra, hija parti mid-dinja.

Il-fatt li għandna l-inqas rata ta' inflazzjoni fl-Unjoni Ewropea għalija u għall-Gvern xorta mhux biżżejjed biex nieqfu naħsbu u naġixxu dwar din l-isfida. Fuq kollox għandna l-inqas inflazzjoni għaliex aġixxejna f'setturi li huma importanti ħafna.

Huwa għalhekk, Sur President, li żammejna dan il-ħsieb f'kull mument li ħadna numru ta' deċiżjonijiet biex żammejna l-prezzijiet tal-enerġija u l-fuels stabbli. U meta ngħid stabbli jfisser li aħna m'għollejnihomx, anzi waqt il-pandemija raħħasniehom.

Fil-fora Ewropej ukoll tennejna l-pożizzjoni ta' Malta, li naqblu li jsiru interventi fejn meħtieġ biex il-piż sostanzjali tal-isfidi kurrenti ma jinxteħitx fuq in-nies, inkluż fejn l-aktar ikun hemm impatt soċjali jekk dak il-piż jiġi merfugħ min-nies.

Nagħti eżempju u forsi l-iktar eżempju importanti: is-settur tal-ikel.

Fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill Ewropew li kellna fl-aħħar jiem, Malta qablet ukoll li l-Unjoni Ewropea tesplora koperazzjoni ma' msieħba internazzjonali oħra biex tilqa' għall-impatt ta' żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u oħrajn.

Għal darb'oħra sostnejt il-każ partikolari ta' pajjiżna. Semmejt il-qagħda ġeografika tagħna, li verament tagħmilna uniċi fl-Unjoni Ewropea, anke bħala l-aktar stat membru żgħir. Tkellimt dwar l-insularità ta' pajjiżna, ċjoè gżira maqtugħa mill-kumplament tal-kontinent.

Semmejt għalhekk l-isfida partikolari ta' Malta u għedt li pajjiżi bħalna għandhom ikollhom il-flessibiltà li jintervjenu, inkluż favur sigurtà tal-provvista tal-gass bi prezzijiet stabbli u biex jibqgħu kompetittivi mil-lat ekonomiku.

F'dan ir-rigward, fil-Kunsill Ewropew sħaqna li d-dixxiplina fiskali hija importanti iżda rridu naddottaw l-istess stil li ħdimna bih waqt il-pandemija, li jfisser li jkollna l-flessibilità biex inwieżnu u noffru spalla lin-nies tagħna.

**Sigurtà tal-Ikel**

U la darba qed insemmu l-isfidi kbar fil-qasam tal-enerġija, il-gwerra poġġiet ukoll sfida ġdida li tikkonċerna s-sigurtà tal-provvista tal-ikel.

Ejjew ma nilludux ruħna li l-gwerra tolqot biss pajjiżi li huma ġirien tal-Ukrajna. Oħrajn imbegħdin, tolqothom ukoll. Ir-realtà turina li għandna bosta persuni, kwantitajiet kbar ta' persuni f'riskju li jmutu bil-ġuħ f'pajjiżi li jinsabu fin-Nofsinhar tagħna, bħal fl-Afrika.

Dan il-fattur flimkien imbagħad mal-instabilità politika li teżisti f'dawn il-pajjiżi jistgħu jwasslu għal mewġ kbir ta' immigrazzjoni irregolari, u kienu dawn il-ħsibijiet li għaddejt madwar il-mejda lill-kollegi tiegħi fil-Kunsill Ewropew.

Jeħtieġ nagħmlu moniteraġġ sħiħ fuq iż-żidiet fil-prezzijiet tal-ikel. Huwa f'dan is-sens li lokalment ħdimna biex għenna lill-bdiewa, lir-raħħala u l-importaturi tal-qmuħ u għenna wkoll lill-importaturi tal-ġwież sabiex naraw li jkollna din is-sigurtà tal-qamħ.

Imma n-nies ġustament qegħdin isaqsu jekk iż-żidiet li qegħed nesperjenzaw fil-prezzijiet tal-ikel humiex kollha ġejjin minħabba l-effett tal-gwerra jew jekk hemmx min qed jikkapitalizza mis-sitwazzjoni.

Jien nemmen li l-imprendituri u n-negozji Maltin fil-maġġoranza assoluta tagħhom huma nies onesti u bieżlin, li b'tant sagrifiċċji waqt il-pandemija baqgħu għaddejjin u qed iħarsu lejn dawn iż-żminijiet li ġejjin b'ottimiżmu għax ir-rota qed iddur u dejjem żammejnieha ddur.

Hawnhekk nappella biex, filwaqt li veru li għandna suq ħieles u se jibqa' jkollna suq ħieles, l-għajnuna li ta l-Gvern biex kulħadd baqa' għaddej u salvajna n-negozji u l-impjiegi, din tkun il-bażi li fuqha nkomplu nkabbru l-ekonomija tagħna b'mod ġust.

**Sigurtà u Difiża**

Sur President, qatt daqs iż-żmien ta' bħalissa - almenu żgur fl-istorja riċenti - l-Unjoni Ewropea ma tat daqstant valur lis-sigurtà u d-difiża tagħha, quddiem gwerra litteralment fuq l-għatba tagħha.

Fil-Kunsill Ewropew fl-aħħar jumejn ta' Mejju sħaqt li Malta se tagħmel dak li hu fil-parametri tal-Kostituzzjoni ta' pajjiżna. U aċċennajt bis-saħħa fuq dan il-punt, li dak kollu li jista' jagħmel pajjiżna jrid ikun fil-parametri stretti ta' dak li tipprovdi l-Kostituzzjoni, kemm għal dak li jirrigwarda n-newtralità kif ukoll in-non-allinjament. U l-Unjoni Ewropea għandha tibqa' tirrispetta l-politika tad-difiża u s-sigurtà partikolari tal-Istati Membri tagħha.

Proprju f'Madrid, fil-laqgħa li semmejt aktar qabel mal-mexxejja Ewropej u oħrajn minn pajjiżi fl-Atlantiku, f'isem Malta sħaqt li l-paċi u d-diplomazija huma ċavetta importanti ħafna għas-soluzzjoni għall-kunflitti.

Ngħid jien – u din hija xi ħaġa li nemminha b'mod sħiħ - li bħala pajjiż żgħir bil-Kostituzzjoni tagħna li tesiġi n-newtralità, għandna vantaġġ għaliex għandna leġittimità akbar biex nisħqu fuq l-importanza tal-paċi u fit-tiftix għas-soluzzjonijiet madwar il-mejda.

Dan se nkunu qed nagħmluh ukoll fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. U rrid ngħid, Sur President, li nħossni sodisfatt iżda fuq kollox kburi ħafna b'pajjiżi, li ġie elett b'aktar minn 97 fil-mija tal-voti biex iservi fuq dan il-Kunsill tant importanti għad-dinja, forsi f'dan il-mument aktar minn kull żmien ieħor. Hemmhekk Malta issa se tkun fil-qalba tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u kif għedt, se tkun qed tippromwovi l-paċi b'vuċi soda.

Il-politika tat-tkabbir tal-Unjoni tista' tkun għodda importanti biex inkomplu nagħmlu dan u aktar pajjiżi jistgħu jersqu lejna u lejn il-valuri li nemmnu fihom.

**Ewropa Wiesgħa u Tkabbir**

Fiż-żewġ laqgħat li għaddew tal-Kunsill Ewropew rajna wkoll il-qbil li l-Unjoni Ewropea tagħti candidate status fuq numru ta' kundizzjonijiet lill-Ukrajna u l-Moldova. Dan wara li dawn il-pajjiżi ressqu applikazzjoni għal sħubija sħiħa fl-Unjoni Ewropea.

Fil-każ tal-Georgia, l-Istati Membri qbilna li din tingħata dan l-istatus, il-candidate status malli tilħaq ċerti kriterji elenkati mill-Kummissjoni Ewropea.

Dan iżda ma jfissirx li dawn il-pajjiżi se jissieħbu fl-Unjoni Ewropea mil-lum għal għada għax dejjem hemm kundizzjonijiet li jridu jintlaħqu, iżda huwa pass sinifikanti ħafna għal dawn il-pajjiżi fi triqthom lejn sħubija sħiħa fl-Unjoni Ewropea.

Fl-aħħar Kunsill Ewropew ġiet diskussa wkoll it-tema tal-Konferenza tal-Futur tal-Ewropa. Dan wara proċess ta' konsultazzjoni man-nies dwar x'futur qed jaraw huma għall-Unjoni Ewropea.

Ħidmet il-mexxejja allura tibda issa, partikolarment biex nindirizzaw dak li qalulna ċ-ċittadini Ewropej, fosthom ħafna Għawdxin u Maltin.

Hemmhekk ilqajt b'mod pożittiv il-konklużjoni tas-servizzi tekniċi tal-istituzzjonijiet Ewropej, li taqbel preċiżament ma' dak li qal pajjiżna mill-bidu nett. Il-konklużjoni tagħhom kienet dak li dejjem aċċennajna għalih aħna bħala pajjiż, jiġifieri li dak li jridu ċ-ċittadini mhux neċessarjament jeħtieġ tibdil fit-Trattat preżenti tal-Unjoni. Allura dan ifisser li fil-qafas eżistenti nistgħu nagħmlu dak meħtieġ biex inkunu effettivi u nimplimentaw dak li jixtiequ ċ-ċittadini tagħna.

Dwar il-pjattaforma ta' Ewropa – din kienet inizjattiva importanti li mbuttaha ħafna l-President Franċiż Macron - sostnejt li din hija opportunità għall-Unjoni Ewropea biex tkompli ssaħħaħ relazzjonijiet ma' sħab strateġiċi barra l-Unjoni Ewropea, inkluż ma' pajjiżi bħalma hu r-Renju Unit.

F'Ġunju, fi ħdan l-istess Kunsill Ewropew, iltqajna l-mexxejja tal-pajjiżi fiż-Żona Ewro f'dak li hu magħruf bħala l-Euro Summit, fejn bħala pajjiż appoġġjajna wkoll id-dħul tal-Kroazja fiż-Żona Ewro mill-bidu tas-sena d-dieħla.

**Relazzjonijiet mal-Balkani**

Fl-istess laqgħa li kellna fi Brussell, bħala mexxejja tal-Istati Membri Ewropej iltqajna wkoll mal-mexxejja tal-Balkani tal-Punent. F'din il-laqgħa, flimkien ma' sħabi l-mexxejja tal-Istati Membri fl-Unjoni Ewropea, ipparteċipaw sitt pajjiżi tal-Balkani. Dawn kienu l-Montenegro, il-Bosnja u Herżegovina, il-Maċedonja ta' Fuq, il-Kosovo, l-Albanija u s-Serbja.

Matul din il-laqgħa, l-Unjoni Ewropea esprimiet l-impenn sħiħ tagħha biex tkompli tingħata spinta lill-proċess għas-sħubija ta' pajjiżi mill-Balkani fl-Unjoni Ewropea. Għal raġunijiet li semmejt aktar qabel, Sur President, Malta tappoġġja bis-sħiħ l-aspirazzjonijiet politiċi Ewropej tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.

Fil-laqgħa li kellna, Malta għaddiet messaġġ ta' appoġġ sħiħ biex jibdew in-negozjati dwar is-sħubija tal-Albanija u l-Maċedonja ta' Fuq.

Fil-laqgħat li kellna mal-mexxejja tal-Balkani, Malta tat ukoll l-appoġġ għal-liberalizzar tal-viża lil ċittadini tal-Kosovo.

Il-pajjiżi tal-Balkani qed igawdu minn proġetti tal-Unjoni Ewropea biex ikomplu jiżviluppaw u jimxu 'l quddiem imma dawn il-proġetti u l-finanzjament tagħhom huma marbutin mal-kundizzjoni li dawn il-pajjiżi fil-Balkani jkomplu jwettqu r-riformi.

Tassew– u dan il-messaġġ għaddejtu waqt il-laqgħa – li l-proċess tar-riformi mhuwiex wieħed faċli, iżda għandna valuri Ewropej li rridu nassiguraw li jiġu mħaddna, u dan hu settur fejn ir-realtà turik li, tagħmel kemm tagħmel, qatt ma tkun wasalt. L-ebda pajjiż fid-dinja ma jista' jgħid li jkun wasal biżżejjed.

Forsi aħna nistgħu nitkellmu aktar minn ħaddieħor fuq hekk għaliex f'dawn l-aħħar sentejn għaddejna minn din l-esperjenza fejn ma waqafna qatt nirriformaw.

L-effett dirett ta' riformi b'saħħithom hu li l-pajjiż ikompli jissaħħaħ. U dan kien il-messaġġ li għaddejt hemmhekk madwar il-mejda.

Iżda biex tagħmel ir-riformi, Sur President, l-ewwel nett irid ikollok rieda soda, iżda fuq kollox imbagħad irid ikollok il-kuraġġ li taġixxi u timplimenta r-riformi.

Sur President, inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-konklużjonijiet taż-żewġ laqgħat li għamilt referenza għalihom.